MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru. 331/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Alfred Mallia**
**vs**
**Joshua Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joshua Grima ta' 32 sena, bin Vincent u Anna nee' Falzon, imwieled Attard fit-12 ta' Lulju 1973 u residenti 29, 'St. Mary Flats' No.2 Triq il-Madonna ta' Pompei, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 349273(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-8 ta' April 2006 ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija fix-Xatt ta' Pinto Valletta bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marie Claire Calleja mill-Mosta, Joane Bonello u Eric Farrugia t-tnejn mir-Rabat wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi spara tir ta' arma tan-nar fid-

direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Marie Claire Calleja, Joane Bonello u Eric Farrugia kontra l-volonta' taghhom.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Marie Claire Calleja, Joane Bonello u Eric Farrugia jaghmlu, jhallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu, xi haga.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr l-istess arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar f' post pubbliku.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dik l-arma u munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Marie Claire Calleja, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri

Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 22 ta' Mejju 2007 (esebita a fol. 210 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41 (1) (a), 216, 217, 218 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 86, 87, 325 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 2, 3, 19, 26, tal-Kap 66 ;
(d) fl-artikoli 24 (2), 33(1), 29, 40 tal-Kap 33 ;
(e) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2009, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2009 l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta kif ukoll il-fatt li t-

tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5), is-sitt(6) u d-disa'(9) akkuza huma assorbiti fl-ewwel(1) akkuza u ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda biss wahda sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-22 ta' Mejju 2007 u senjatament l-Artikoli 41 (1) (a), 216, 217, 218, 86, 87, 325 u 17(h) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 2, 3, 19, 26, tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 24 (2), 33(1), 29 u 40 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' elf ewro u tnejn u tmenin ewro centezmu (€1000.82) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------